**Mistrieħ mistħoqq**

Wasalna fi tmiem ta' sena skolastika oħra. Għalina kienet sena speċjali għax kienet l-ewwel sena fil-ħajja ta' l-iskola sekondarja tas-subien fi ħdan il-Kulleġġ San Benedittu.

Bl-għajnuna ta' kulħadd irnexxielna nagħtu ruħ, identita', direzzjoni lill-iskola tagħna. Il-volum ta' xogħol li sar kien wieħed kbir u għad fadal ħafna aktar xogħol siewi xi jsir fis-snin li ġejjin.

Kif jgħid il-Malti, 'Il-ġurnata minn filgħodu turik'. Kellna sena pożittiva ħafna fejn l-għalliema, l-ġenituri u l-istudenti ħadmu flimkien sabiex jiżguraw suċċess fil-proċess edukattiv. Persważi li l-futur ta' l-iskola tagħna huwa wieħed sabiħ ħafna. Importanti li kulhadd (Amministrazzjoni, Għalliema, Ġenituri u Studenti) jibqa' magħqud u jħares 'il quddiem b' attitudni pożittiva.

Nawguraw lil kulħadd Sajf seren fejn kulħadd jieħu l-mistrieħ li jistħoqqlu. L-istudenti għandhom jaraw li jużaw il-ħin tajjeb sabiex jkattru u jkabbru t-talenti tagħhom. Għandhom jinkitbu f'xi għaqda fejn jistgħu jagħmlu aktar ġid lilhom infushom u lill-oħrajn. Fuq kollox għandhom jiżguraw li jgħaddu xi ħin fil-qari u fir-reviżjoni tax-xogħol li sar matul din is-sena.

Jekk Alla jrid, nerġgħu niltaqgħu t-Tnejn, 25 ta' Settembru 2006 għall-bidu ta' sena skolastika ġdida.

Sa dakinhar:
Grazzi mill-ġdid lil kulħadd.

# Kuntatt

## ma' l-iskola t'ibnek — ĠUNJU, 2006

## KULLEĠĠ SAN BENEDITTU

**Qtajt qalbi minnu!**

Din hi l-karba li minn żmien għal żmien nisimgħu mingħand xi ġenituri li jkunu qatgħu qalbhom mill-istudju ta' uliedhom.

Għalkemm wieħed jista' jifhem il-frustrazzjoni ta' dawn il-ġenituri, jeħtieġ li jkunu aktar pożittivi u determinati sabiex ikunu ta' spalla soda fl-edukazzjoni ta' uliedhom.

Qatt mhu aċċettabbli li l-ġenituri jaqtgħu qalbhom mill-progress ta' uliedhom. Huma l-ġenituri li, flimkien ma' uliedhom, ifasslu r-regoli fid-dar. Huma l-ġenituri li għandhom jibdlu l-istudju f'esperjenza utli fejn, flimkien ma' uliedhom, jistgħu jħarsu 'l quddiem b'fiduċja.

Mhix skuża li t-tifel jgħid li ma jkollux homework x'jagħmel. Ta' min jistaqsi: Il-ġenituri jagħmlu kuntatt ma' l-iskola biex jivverifikaw il-fatti kollha dwar il-homework? Jiftħuh il-'log book' ta' binhom? Joqogħdu attenti li binhom jitgħallem jerfa' r-responsabiltajiet tiegħu bħala student?

U jekk tiġi ġurnata fejn it-tifel ma jkollux homework, għandhom jaħtfu l-oppurtunita' sabiex jgħinu lil uliedhom fil-qari billi joqogħdu jaqraw magħhom jew iqabbdu lil uliedhom sabiex jaqrawlhom huma stess. (It-tifel jista' jagħmilha tal-qarrej tar-rumanzi fuq xi radju!) .

Tel: 21642427/21642430/21642451
Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
http://schoolnet.gov.mt/kulleġġsanbenedittubco

Ir-rwol tal-ġenituri fl-edukazzjoni ta' uliedhom huwa mportanti daqs ta' l-għalliema. Minflok jaqtgħu qalbhom, il-ġenituri għandhom ifittxu l-għajnuna fejn jeħtieġ sabiex jaqdu dmir daqshekk vitali għall-futur ta' uliedhom. Għandhom ikunu f'kuntatt kontinwu ma' l-iskola. Jagħmlu użu mis-servizz tal-'Guidance' fl-iskola, mill-'Homework Club' u mill-programm 'Nwar' li huma ntiża sabiex jgħinu lil dawk l-istudenti li jsibu diffikultajiet fl-istudji tagħhom.

Mhux ċajta li tkun ġenitur fis-soċjeta' tal-lum. Il-piżijiet u r-responsabiltajiet huma kbar. Madanakollu, jibqa' l-fatt li l-ġenituri għandhom jħarsu madwarhom u jkunu kapaċi jibdlu l-esperjenza edukattiva f' opportunita' unika għall-iżvilupp sħiħ ta' uliedhom.

**<u>Dixxiplina pożittiva</u>**

Mill-ewwel jum ta' din is-sena skolastika, ngħatat mportanza kbira lid-dixxiplina fl-iskola. Id-dixxiplina hija fundamentali sabiex kull student jista' jiżviluppa t-talenti tiegħu fl-ordni u f'ambjent san u produttiv.

Ta' min jiċċara li d-dixxiplina ma kinitx intiża biss bħala mezz li trażżan l-imġiba ħażina. Fil-fatt ngħatat importanza kbira lid-dixxiplina pożittiva fejn kull student li wera nteress, entużjażmu, inizjattiva, serjeta' u responsabbilta' f' xogħolu ġie ppremjat b' <u>'Rapport ta' Mġiba Tajba'</u>.

Bi pjaċir, ninnutaw li n-numru ta' <u>'Rapporti ta' Mġiba Tajba'</u> kien wieħed impressjonanti u nkoraġġanti tassew. Nifirħu lil dawk l-istudenti kollha li ddistingwew ruħhom fl-imġiba tajba. Bil- ħsieb li nkomplu nqawwu l-qalb ta' l-istudenti kollha, se nippublikaw il-lista ta' dawk l-istudenti li ġabu l-aktar numru ta' Rapporti ta' Mġiba Tajba f'kull klassi matul is-sena skolastika 2005/2006.

| Klassi | Isem ta' l-istudent | Numru ta' Rapporti ta' Mġiba Tajba |
|---|---|---|
| 1.1 | Johann Borg Myatt | 18 |
| 1.2 | Carl Falzon | 18 |
| 1.3 | Daniel Gauci | 11 |
| 1.4 | Rueben Anthony Borg | 10 |
| 1.5 | Nathan Zammit | 11 |
| 1.6 | Tonio D'Amato | 11 |
| 1.7 | Richard Borg | 14 |
| 1.8 | Terence Testaferrata de Noto | 10 |
| 1.9 | Clifton Mifsud | 13 |
| 2.1 | Daniel Caruana | 24 |
| 2.2 | Terence Briffa | 21 |
| 2.3 | Matthew Abdilla | 19 |
| 3.1 | Daniel Calleja | 9 |
| 3.2 | Christian Vella | 11 |
| 3.3 | Anthony Baldacchino | 12 |

Nifirħu lil dawn l-istudenti u ħafna oħrajn, li ddistingwew ruħhom fl-imġiba tajba u nemmnu li fil-futur in-numru ta' Rapporti ta' Mġiba Tajba se jkompli jiżdied għall-ġid ta'kulħadd.